# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 13 t’Ottubru 2023**

**Rikors Nru.: 465/2013 MH**

**Numru: 8**

**Carmen Azzopardi**

**Vs**

**Adrian Muscat, Sandra Calleja**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub** is-segwenti:-

1. *Illi f’xi zmien lejn l-ahhar ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti kienet irceviet telefonata minghand ufficjal tal-Banif Bank (Malta) PIc li saqsiha jekk kinetx harget ic-cheque Banif Bank (Malta) PIC numerat 410127 datat 25 ta' Ottubru 2012 fl-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000), peress li kien gie mimli skorrettement;*

2. *Illi r-rikorrenti nfurmat lill-ufficjal tal-bank li hi ma kinetx fil-fatt harget dan iccheque, ma kinetx taf bih u ma kinetx awtorizzat li dan jissarraf u sussegwentement, harget stop payment ghal dan l-istess cheque numerat 410127;*

3. *Illi l-persuna li kien mar il-Banif Bank (Malta) PIC sabiex isarraf dan ic-cheque kien l-intimat Adrian Muscat, li sa dak iz-zmien ma kienx maghruf lir-rikorrenti;*

4. *Illi aktar tard, bid-dettalji li nghataw lilha dwar din il-persuna, ir-rikorrenti kienet irrikorriet ghand I-istess Adrian Muscat sabiex tikkjarifika dwar dan ic-cheque izda spjegazzjoni ma nghatatx ghala c-cheque kien mahrug fismu u ghalxiex kien*

*imhallas, izda c-cheque gie ritornat lilha minnu (kopja ta' dan ic-cheque qieghda tigi annessa u mmarkata Dok CAI);*

5. *Illi waqt din 1-istess konverzazzjoni, 1-intimat Adrian Muscat kien infurmaha li dan ic-cheque kien gie mghoddi lilu mill-intimata Sandra Calleja, li incidentalment kienet persuna li r-rikorrenti kienet saret taf fix-xhur ta' qabel;*

6. *Illi r-rikorrenti kienet ghenet lill-intimata Sandra Calleja ssib impjieg ma' certu Elndara Shorazova, li flimkien ma' zewgha kienet qieghda fil-process li tittrazloka lejn Malta u riedet persuna sabiex tghinnhom u taghmlilhom il-qadi;*

7. *Illi r-rikorrenti Ilum taf li 1-intimata Sandra Calleja kienet ukoll hadet hsieb ittrasferiment u hrug ta' pjanci ta' registrazzjoni Maltin tal-karozzi tal-koppja Shorazova, liema xoghol ghamlitu tramite 1-intimat Adrian Muscat;*

8. *Illi matul dak iz-zmien, kienet nibtet hbiberija bejn ir-rikorrenti u 1-intimata Sandra Calleja u din tal-ahhar kienet anke tmur ghandha d-dar;*

9. *Illi wara dan 1-akkadut, ir-rikorrenti ghamlet verifika fic-chequebooks taghha u rrizultalha li kellha zewg cheques ohra neqsin, li sussegwentement irrizultaw ittnejn imsarrfa dejjem mill-istess intimat Adrian Muscat; dawn kienu HSBC Bank Malta plc cheque numru 1102 mahrug fis-26 ta' Gunju 2012 ghas-somma ta' hamest elef ewro (€5000) u Mediterranean Bank plc cheque numru 6303 mahrug fil-5 ta' Settembru 2012 ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tmien ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€23,608.22);*

10. *Illi r-rikorrenti tiddikjara li qatt ma kellha negozji mal-intimat Adrian Muscat;*

11. *Illi r-rikorrenti taf li wiehed mic-cheques, dak numerat 6303 (Mediterranean Bank plc), kien ittiehed mill-basket taghha fgurnata fejn kienet wasslet lill-intimata Sandra Calleja proprju ghand 1-intimat Adrian Muscat fix-showroom tieghu gewwa Haz-Zebbug minghajr ma kienet taf min hu dan tal-ahhar u ghalxiex 1-intimata Sandra Calleja kienet sejra ghandu, filwaqt li t-tielet cheque ttiehed minn cheque book li kien mizmum sa fejn taf hi d-dar taghha stess;*

12. *Illi r-rikorrenti ghamlet rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar is-serq ta' dawn ic-cheques fir-rigward taz-zewg intimati.*

13. *Illi ghalhekk jirrizulta li 1-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u erba' ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€28,604.22) u li minkejja diversi nterpellazzjonijiet ghar-ritorn ta' dan 1-ammont, huma baqghu inadempjenti.*

*Tghid ghalhekk din 1-0norabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex -*

1. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u erba' ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€28,604.22), oltre spejjez legali u imghax sad-data tal-pagament effettiv;*

2. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghar-rifuzjoni tal-ammont, b'dan illi jhallasu s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u erba' ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€28,604.22), jew kull ammont iehor iddikjarat dovut lir-rikorrenti, Oltre I-imghax skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandatipprezentat kontestwalment ma' dawn il-proceduri u I-imghax sa d-data tal-pagament effettiv kontra I-intimati li huma minn issa ngunti in*

*subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Adrian Muscat**[1] fejn ddefenda x-xilja billi eċċepixxa illi:-

[1] Folio 19

1. ***ILLI** fl-ewwel lok l-insostenibilita' tar-rikors stante li huwa kkampat fuq premessi inveritieri;*

2. ***ILLI** fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont pretis kwantu dirett lejn l-esponenti intuża minnu fuq inkarigu tar-rikorrenti stess sabiex jiġu reġistrati żewġ vetturi propjeta' tar-rikorrenti, hawn Malta, ossija Audi A8 LHD u Range Rover Vogue Petrol LHD u tħallsu spejjes ancillari sabiex dan isir;*

3. ***ILLI** għalhekk t-talbiet attriċi kwantu diretti lejn l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respiniti bl-ispejjes.*

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Sandra Calleja**[2] fejn eċċepiet illi:-

***1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi:***

**(a)** ***Illi hija ma rceviet ebda ammont ta' flus, zghir jew kbir minghand ir-rikorrenti u ghalhekk ma tistghax tirrifondi flus li qatt ma rceviet;***

**(b)** ***Illi hija qatt ma hadet ic-cekk Nru. 6303 migbud fuq il-Mediterranean Bank, kif allegat fi premessa Nru. 11 tar-Rikors Guramentat promotur u wisq anqas iffalsifikat il-firma tar-rikorrenti Carmen Azzopardi f'dan ic-cekk; u***

**(c)** ***Hija ma hi debitrici ta' ebda ammont versu r-rikorrenti Azzopardi.***

Rat id-digriet ta' l-assenjazzjoni lilha ta' din il-kawża datat 22 ta' Mejju, 2019.[3]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomisjonijiet.

---

[2] Folio 27
[3] Folio 228

Ikkonsidrat:

Illi bħala introduzzjoni din il-kawża tiċċentra dwar kreditu li l-attriċi tallega li hu dovut lilha mill-konvenuti jew min minnhom in kwantu ġew żbankati minn diversi kontijiet bankarji tagħha, b'mod mhux awtorizżat, diversi flejjes, b'raġġiri da parti tal-konvenuti. Fil-fatt l-attriċi tallega serq ta' diversi ċekkijiet tagħha da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

**A.Xhieda**

**Ir-rikorrenti** permezz ta' affidavit ppreżentat fis-7 ta' Ottobru 2013[4] tiddikjara illi bejn Frar u Marzu tas-sena 2011, kienet ltaqgħet l-ewwel darba mal-intimata Sandra Calleja għaliex din kienet marret fil-ħanut tagħhom Azzopardi Fisheries ġewwa San Pawl il-Baħar. Calleja kienet qaltilha li xtaqet issib impjieg u r-rikorrenti qaltilha li jekk taf b'xi ħaga tinfurmaha.

Madwar April u Mejju, ħabiba tar-rikorrenti Elnara Shorazova kienet qaltilha li qed tfittex lil xi ħadd biex jagħmlilha l-qadi personali tagħha għaliex kienet qed titrasloka Malta ma' żewġha. Ir-rikorrenti kienet staqsiet lill-intimata Calleja li

[4] Folio 42

qaltilha li nteressata u kienet laqatgħom. Shorazova kienet ukoll talbet lir-rikorrenti biex iżżommilha żewġ karozzi tal-marka Audi u Land Rover, sakemm dawn jiġu reġistrati. Fil-fatt kienet aċċettat u wkoll kienet bagħtet lill-impjegat tagħha Aaron Sciberras ġurnata Sqallija peress li l-vettura kellha tinħareg minn Malta kull tant żmien.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu 2012, Shorazova kienet qaltilha biex tagħti l-logbook tal-LandRover lill-intimata Calleja biex tara xi spejjeż kien hemm biex tiġi reġistrata l-vettura. Wara ftit ġranet Calleja kienet ċemplitilha u qaltilha li l-ispejjeż sabiex tiġi reġistrata l-vettura kienu se jammontaw għal tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) u wara li r-rikorrenti kienet qalet lil Shorazova, din kienet saqsietha biex tagħmel cheque personali bil-wegħda li wara tħallas lura lir-rikorrenti. Stante li dak iż-żmien kienu ħbieb kbar, ir-rikorrenti ma kellhiex oġġezzjoni għal dan u hekk għamlet. Meta kienet talbet lill-intimata Calleja biex tmur għac-cheque, din qalet lir-rikorrenti li riedet flus kontanti għaliex min kienet qabbdet kien lest jaċċetta flus kontanti biss. Għalhekk fit-22 ta' Awwissu 2012, kienet ċemplet lil HSBC u kellmet lil Manager biex tiġbed tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) flus kontanti. Kienet aċċettat u dakinhar stess ir-rikorrenti marret sabiex tieħu dawn il-flus u magħha kien hemm Emmanuel Galdes, (dwana). Meta ħarget bil-flus, kienet rikbet magħha fil-karozza anke Sandra Calleja u lil din ta' l-aħħar tatha envelope b'dan il-flus. Wara li reġgħet

staqsietha għaliex ma kienitx aċċettat cheque, Calleja rrispondietha illi l-intimat Adrian Muscat kien qalilha li ma riedx cheque għaliex ma riedx li dawn il-flus jidhru fuqu minħabba skopijiet ta' taxxa.

Shorazova kienet imbagħad ħallsitha lura dan l-ammont ta' flus permezz ta' cheque tal-BOV datat 28 ta' Awwissu 2012 (Dok CA8). Iżda r-rikorrenti tirrimarka li Calleja qatt ma kienet tatha r-riċevuti ta' reġistrazzjoni tar-Range Rover.

F'Settembru 2012, ir-rikorrenti kellha tmur sad-Dwana u Calleja kienet talbitha għal lift sa Ħaż-Żebbuġ u kienet akkompanjata sad-Dwana. Waqt li r-rikorrenti kienet qed taghmel l-qadi li kellha, kienet ħalliet l-handbag fil-karozza, li fiha kien hemm dokumenti tax-xogħol, cheque books u anke paying-in envelope li kien fih żewġ cheques. Wieħed minn dawn ic-cheques kien għadu vojt għalkemm kien diġa ġie ffirmat mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kienet ħaditha sa Ħaż-Żebbuġ għand Galletta Autodealer u hemm għal ewwel darba ltaqgħet mal-intimat Adiran Muscat.

Ftit wara fis-27 ta' Ottubru, ir-rikorrenti kienet irċeviet telefonata mingħand Keith Ċilia, ossia impjegat tal-Banif Bank u saqsiha biex tmur sal-Bank. Dak il-ħin ma setgħetx tmur u Cilia kien saqsiha jekk kienitx ħarget cheque favur terz għal ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000)[5]. Ir-rikorrenti qaltlu li ma kienitx ħarget cheque għal dan l-ammont, u qaltu biex ma jsarrafx ic-cheque.

[5] Folio 6 CA1

Wara ftit ġranet ir-rikorrenti kienet marret l-uffiċju u ndunat li kien hemm cheque ieħor nieqes fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22) datat 5 ta' Settembru 2012, tal-Mediterranean Bank. Kienet marret sal-Bank u kienet ġiet infurmata li dan ic-cheque kien issarraf. Kienet ottjeniet kopja ta' dan ic-cheque mill-Bank u kienet marret sal-Għassa tal-Pulizija biex tagħmel rapport tas-serq ta' dan ic-cheque.[6]

L-għada kienet marret għand Galletta Autodealer, hemm kienet kellmet lil Adrian Muscat u saqsietu minn fejn kien ġab ic-cheques, li wieħed minnhom kien issarraf, u hu qalilha li kienet tathomlu Sandra Calleja. Ir-rikorrenti kienet talbitu lura c-cheque li ma kienx issarraf u tahulha lura. Meta iżda talbitu jagħtiha lura l-flus li kien sarraf, beda jgħajjat u jheddida u telqet il-barra.

F'Marzu 2013, r-rikorrent ikkontrollat ic-chequebook tal-HSBC u ndunat li l-mamma tac-cheque 001102 kien vojt u għalhekk kient marret il-Bank u ordnat kopja ta' dak ic-cheque, u kienet indunat li c-cheque kien inħareg ghal ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) u li dan kien issarraf ukoll minn Adrian Muscat. [7]

**In kontroezami[8]** mill-Av. Zammit Maempel tirrispondi illi hi kemm biss żammet il-karozzi ta' Shorazova  iżda ma ħaditx ħsieb ir-reġistrazzjoni tagħhom. Tgħid li meta kellhom joħorgu l-karozza biex tmur sa Sqallija, kienet Calleja li ħallset il-biljett iżda mbagħad r-rikorrenti bagħtet lavrant tagħha, Madeo Farrugia, biex joħroġ il-karozza minn Malta.

[6] Dok Ca3 folio 8 u Dok Ca4 Folio 9
[7] Dok CA2 folio 7
[8] Folio 76

Tikkonferma li bhala sistema, hi tiffirma c-cheques minn qabel, u tħalli l-bqija tac-cheque vojt. Tikkonferma li Shorazova kienet tatha cheque, u li qabel kienet ġibdet il-kontanti mill-kont tagħha u li kienet għaddiethom lil Sandra Calleja. L-ewwel karozza ġiet reġistrata fis-sena 2011 u hemm ma ħarġitx flus. It-tieni karozza ġiet reġistrata fis-sena 2012 u nħargu tlett cheques. Tispjega li hi qatt ma ħarget cheque ta' madwar tlieta u ghoxrin elef u sitt mitt Euro (€23,600). Tispjega li kienet ħarget il-flus għaliex dawn kienu barranin u kienu xtraw il-proprjeta mingħandha u li għalhekk kienet qed tafdahom.

F'kontro-eżami li kompla fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023[9], ikkonfermat li b'din il-kawża qed titlob lura l-ammont ta' hamest elef (€5,000) u l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf u sitt mitt Euro (€23,600) u xi ħaga. Dwar ic-cheque ta' ħamest elef (€5,000), dan kienet sabitu nieqes u kient marret il-Bank biex tara x'ġara. Tikkonferma li kellha cheque vojt iffirmat u li dan inħareg fuq Adrian Muscat għalkemm hi ma kienitx imlietu b'dan l-isem. Qatt ma kienet ħarget dan ic-cheque fuq Muscat. Dan ic-cheque kien fil-baskett tagħha u li ġie nieqes minn hemm.

Tikkonferma li ma kienitx **hi** li mliet c-cheque tal-għaxart elef Euro (€10,000). Rigward ic-cheque tal-tlieta u għoxrin elf u sitt mitt Euro (€23,600), dan kien dħul ta' xi investiment u kienet daħħlitu f'envelope biex tkun tista tiddepożitah. Kienet ħalliet dan l-envelope fil-baskett ukoll u xi ħadd ħadu. Tgħid li damet madwar xahrejn sakemm indunat li c-cheque ma kienx aktar hemm u tikkonferma l-allegazzjoni tagħha li kienet l-intimata Calleja li ħaditilha c-cheques mill-baskett. Tikkonferma wkoll li għalkemm tiffirma c-cheques minn

[9] Folio 287

qabel, hija ma timliex lil min għandu jitħallas għaliex dak skond il-bżonn tal-pagamenti li għandhom isiru.

**ii** **Keith Cilia**[10], impjegat tal-Banif Bank xehed illi huwa branch manager ta' dan il-Bank. Riferut għac-cheque ezebit a fol 6 tal-proċess, jikkonferma li dan ma ġiex imsarraf għaliex il-kliem u l-figuri fuqu ma kienux jaqblu. Jixhed li kien il-konvenut Muscat li fil-fatt kien ipprova jsarraf dan ic-cheque, iżda kienu rreferew għalih u hu ċempel lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kienet kkonfermat li ma kienitx ħarget dan ic-cheque u allura ma kienux sarfuh.

**In kontro-eżami**, jispjega li kif inhuwa miktub l-ammont b'figuri ġie miktub ħażin u jindika mitt elf. Ir-rikorrenti ma għamlet l-ebda rapport jew stop payment fuq dan ic-cheque.

Jikkonferma li l-firma li tidher fuq ic-cheque hija tal-klijenta ossia r-rikorrenti.

**iii** **Emanuel Galdes**[11], li jahdem id-Dwana, xehed illi huwa jiehu ħsieb il-bonds. Wara li spjega l-użu tal-bonds kif sar illum mingħajr il-presenza ta' fizzjal tad-Dwana, iddaħħal u toħroġ ix-xogħol mingħajr ma tagħti avviż lid-Dwana, pero' ovvjament iridu jsiru l-karti tad-Dwana xorta waħda. Kompla li wieħed minn dawn il-bonds huwa ta' Valhmor Borg, u li kien ilu jaf lir-rikorrenti ghal numru ta' snin. Fit-22 ta' Awwissu, jiftakar li dak iż-żmien kien għadu kif sar l-akkwist ta' Valhmor mill-kumpannija tar-rikorrenti. Hu kien mar ħdejn il-bond li kien ta' Valhmor u hemm kienet marret ir-rikorrenti u meta

[10] Folio 66
[11] Folio 54

staqsiha għal karti kienet qaltlu li dawn kienu l-uffiċċju tagħha San Pawl il-Baħar. Hu kien tela magħha sal-uffiċċju f'San Pawl il-Baħar u kienet għamlet il-karti neċessarji. Meta ġie biex jitlaq, ir-rikorrenti qaltlu li qabel ma twasslu kellha tgħaddi sal-Bank HSBC ta' San Pawl il-Baħar.

Senjatament jixhed li wara li Carmen Azzopardi ħarget mill-Bank qaltlu li kellha bżonn tistenna għal persuna. Meta waslet din il-persuna qagħdet quddiem fil-karozza u r-rikorrenti qaltilha li fl-envelope kellha tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) għal reġistrazzjonijiet ta' xi karozzi. Ix-xhud għaraf fl-Awla li din il-persuna kienet l-intimata Sandra Calleja. Wara li din il-persuna għoddiet dawn il-flus, telqu minn hemm bil-karozza u marru sa' Ħaż-Żebbug, għand stabbiliment li minghalih kien jismu Ta' Galletta. Hemm Calleja ħarget mill-karozza u wara din il-qadja r-rikorrenti ħaditu lura x-xogħol il-Marsa.

**In kontro-eżami**, mistoqsi jekk rax lil Calleja toħrog mill-karozza bil-envelope ma setax jikkonferma. Jirrispondi li r-rikorrenti ma qaltlux x'għandu jixhed u li huwa qal biss dak li ftakar.

**iv L-Ispettur Jonathan Ferris**[12], xehed u spjega kif kien jaf lill-partijiet. Kien hemm ilment da parti tar-rikorrenti f'Ottobru 2012, fejn kienet għamlet rapport dwar allegat serq u frodi ta' cheque ta' aktar minn tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) u l-Bank kien Mediterranean Bank. Kienet allegat li dan ic-cheque kien ittieħed mill-handbag tagħha mill-intimat Muscat. Imbagħad kien għajjat għal Muscat li kien qallu li dan ic-cheque kien jirreferi ghal reġistrazzjonijiet u liċenzji ta' żewġ vetturi, waħda minnhom Range Rover u l-oħra Audi. Irriżulta wara ftit żmien li l-Range Rover kienet inqabdet mill-

[12] Folio 84

pulizija tat-traffiku għaliex kienet mingħajr liċenzja u assigurazzjoni. Kien bagħat ukoll għall-intimata Calleja li qaltlu li hi ma kellhiex x'taqsam u li meta r-rikorrenti u l-intimat Muscat kienu jitkellmu dwar dawn il-affarijiet hi kienet toħrog mill-uffiċċju.

Jikkonferma li l-vetturi kienu ġew reġistrati, iżda l-file li għandu hu u l-irċevuta ta' Muscat ma jaqblux u għalhekk l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja. Calleja caħdet li rċeviet flus mingħand ir-rikorrenti. Jgħid li f'idejh għandu cheque għal tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22) li huwa ntestat lir-rikorrenti, għandu numru 6303 u huwa counter-signed fuq wara mir-rikorrenti u hemm ukoll il-firma ta' Muscat. Dan ic-cheque ġie msarraf fil-25 ta' Settembru 2012. **Ic-cheque ssarraf minn Adrian Muscat**.

**In kontro-eżami**, jikkonferma li r-rikorrenti kienet għamlet rapport dwar cheque li hemm eżebit a fol 11 tal-proċess li huwa ffirmat fuq wara mir-rikorrenti. Wara kien kellem lil Adrian Muscat u lil Sandra Calleja. Jgħid li fil-fatt ma setax isib irkabtu għaliex ir-rikorrenti qalet li dan ic-cheque kien fil-baskett tagħha u xi ħadd ħadulha, Muscat jgħid li r-rikorrenti kienet tagħtulu f'idejh u Calleja tgħid li ma kienitx magħha meta tkellmu. Ikompli li Muscat kien qallu li c-cheque ġie ffirmat wara biex ikun jista jissarraf u jħallas kontanti għal reġistrazzjoni tal-vetturi. Jiftakar li meta kien ra r-reġistrazzjoni kienet irriżultat differenza bejn l-ammonti u dak li Muscat kien spjega li kien ħa bħala commission għax-xoghol li għamel. Jikkonferma li qatt ma kien hemm rapport dwar flus kontanti.

Jiftakar li kien ġab espert ukoll għal kalligrafija biex jikkonfermaw il-firem u li ma kien rriżulta xejn.

**v.** **Sandra Calleja**[13] permezz ta' affidavit tiddikjara li hija saret taf lir-rikorrenti madwar is-sena 2008. F'April tas-sena 2011, kienet ċemplitilha r-rikorrenti biex jiltaqgħu għaliex kien hemm koppja barranija li kellha bżonn lil xi ħadd jieħu ħsieb il-qadi tagħhom. Wara ftit żmien kienet aċċettat u bdiet taħdem "part-time" mis-16 ta' Mejju 2011. Imbaghad kienet waqfet minn dan ix-xoghol ftit xhur wara, għaliex fl-24 ta' Novembru kienet waqgħet minn sellum u kellha ksur f'hames postijiet. Minn dakinhar ma kellhiex aktar kuntatt ma' din il-koppja barranija.

Fis-sajf tas-sena 2012, ir-rikorrenti kienet ċemplitilha u qaltilha li kienet se tgħaddi għaliha biex takkumpanjaha waqt xi qadi li kellha. Wara li għaddiet għaliha, r-rikorrenti qaltilha li kellha tmur sa Ħaż-Żebbuġ għaliex kellha tagħmel ir-reġistrazzjoni u liċenzjar tal-karozzi ta' din il-koppja barranija. Waslu quddiem il-garage bl-isem ta' 'Galletta' u r-rikorrenti qaltilha biex tidħol magħha u hemm ltaqgħet ma' ċertu Adrian Muscat, li saret tafu dakinhar.

Wara ftit ir-rikorrenti kienet qaltilha biex tikteb cheque ta' hamest elef Euro (€5,000) fuq Adrian Muscat, u hi hekk għamlet. Tkompli li kien hemm okkażżjoni oħra li marret mar-rikorrent f'dan il-garage u din id-darba qaltilha biex tikteb cheque bl-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000), iżda biex tħallih bla isem. Ix-xhud għamlet hekk u r-rikorrenti kienet għaddietu lil Muscat. Tgħid li kienet marret darba oħra mar-rikorrenti iżda kienet baqgħet fil-karozza u li qatt ma kien hemm xi terza persuna oħra fil-karozza magħhom, ħlief darba t-tifla tagħha stess.

[13] Folio 102

Tispjega li hija qatt ma kienet involuta fuq xejn dwar il-vetturi. Tiċħad li r-rikorrenti qatt għadditilha flus ġo envelope u li żgur qatt ma tagħtha tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000). Tiċħad ukoll li fit-22 ta' Awwissu 2012, kienet akkumpanjat lir-rikorrenti x'imkien, anzi tinsisti li kienet baqgħet id-dar u tant hu hekk li dakinhar kienu marru tal-Enemalta biex jinstallaw smart-meter. Esebit ta' dan id-dokument SC2.[14]

Tispiċċa billi tgħid illi f'Ottubru 2012, ir-rikorrenti kienet talbitha sabiex tixhed kontra Adrian Muscat, imma x-xhud kienet weġbitha li ma kienitx taf x'kien qed jiġri bejniethom.

**In kontro-eżami**, tikkonferma li ma kienitx involuta fir-reġistrazzjoni tal-vetturi. Tgħid li r-rikorrenti kienet staqsietha jekk tafx lil xi ħadd li jieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u wara li staqsiet, qaltilha li kien hemm ċertu Adrian Muscat li jagħmilhom. Imma mbagħad tgħid li hija qatt ma kellmet lil Muscat biex isiru r-reġistrazzjonijiet. Ma tafx kemm kienu jiswew u r-rikorrenti kienet qaltilha kemm ġew jiswew. Tikkonferma li ma kienitx taf lil Muscat. Tiċħad li qabel ma pproponiet lil Muscat li hi kienet għamlet xi biċċa xogħol oħra miegħu.

Tikkonferma wkoll li kienet kitbet cheques għar-rikorrenti iżda dan quddiemha u li r-rikorrenti mbagħad kienet għaddithom lil Muscat. Tagħraf ic-cheque a fol 6 tal-process, u tikkonferma li kienet imlietu hi u li r-rikorrenti kienet iffirmatu biss. Tgħid li l-ewwel kienet imliet ic-cheque tal-ħamest elef Euro (€5,000) u

[14] 106 et seq

wara ftit żmien kienet imliet l-ieħor. Tgħid ukoll li c-cheque tat-tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000), r-rikorrenti kienet iffirmatu quddiemha imma kien diġa mimli.

**vi. Adrian Muscat**[15], bil-ġurament jixhed li kienet Sandra Calleja li laqqatu mar-rikorrenti. Ir-rikorrenti kienet qabditu sabiex jieħu hsieb ir-reġistrazzjoni tal-vetturi. Jgħid li kien ilu jaf lil Calleja meta kien għamillha r-reġistrazzjoni tal-karozza. Fil-fatt Anthony Spiteri kien laqqagħhom. Dan ġara ghaliex ir-rikorrenti kellha bżonn tirreġistra karozza Audi u għalhekk Spiteri kien mar għandu u qallu li ħabiba ta' Sandra Calleja, jiġifieri r-rikorrenti kellha bżonn tagħmel dan. Għalhekk kien iltaqa' ma' Calleja u Azzopardi f'Attard f'xi coffee shop. Jgħid li b'kollox ltaqgħu xi tlett darbiet hemm, xi tmien darbiet is-showroom tiegħu u xi ħames darbiet id-dar tar-rikorrenti.

Jispjega li għal ewwel kellu jirreġistra tlett vetturi, Audi, Range Rover u BMW, għalkemm din ta' l-aħħar qatt ma għamilha. Igħid li kienet ir-rikorrenti li kienet tagħtu cheque li suppost kien ta' għaxart elef Euro (€10,000) iżda għax kien miktub ħażin u kien jidher għaxar miljuni ma sarrfux. Igħid li ma kellux karti f'idejh għaliex għadda kollox lill-Ispettur Ferris. Jgħid li r-reġistrazzjoni ta' l-Audi kienet telgħet għal madwar għaxart elef Euro (€10,000) u dwar ir-Range Rover ma jiftakarx imma li kienet aktar u fil-fatt kien għad irid jieħu flus mingħand ir-rikorrenti. Jispjega li tax-xogħol tiegħu hu bħala commission ħa elf u tmien mitt Euro (€1,800) fuq l-Audi u elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) fuq ir-Range Rover.

[15] Folio 128A

Jikkonferma li Sandra Calleja kienet preżenti meta ltaqgħu fis-showroom u fil-coffee shop iżda mhux meta marru jirregistraw il-vettura. Jispjega li c-cheque a fol 6 ma ssarrafx għax kien mimli ħazin u li dan kien l-aħħar cheque li tagħtu r-rikorrenti. It-tieni cheque a fol 7, sarrfu u l-ammont kien ta' ħamest elef Euro (€5,000). Jghid illi mliethom ir-rikorrenti u ffirmathom hi wkoll. Dwar ic-cheque a fol 8, dan tagħtulu r-rikorrenti u sarrfu wkoll. Dawn kienu biex iħallas ir-reġistrazzjoni tal-vetturi ndikati. Mistoqsi għaliex c-cheques ħargu fuq ismu u mhux fuq id-Direttur tal-liċenzji, jgħid li hu kien diga ħallas ir-reġistrazzjoni u r-rikorrenti tagħtu c-cheque wara li għamel dan. Jgħid ukoll li l-ADT fis-sena 2012, kienu jieħdu kontanti biss. Jispjega li l-karti tar-reġistrazzjoni għaddew lir-rikorrenti.

**In kontro-eżami**, jikkonferma li hu kien ħa ħsieb ir-reġistrazzjoni tar-Range Rover. Jispjega li c-cheques ħargu f'ismu għaliex jekk jinħareg cheque direttament lil ADT u jkun hemm euro differenza, dan ma jgħaddix. Mistoqsi iżda ghaliex c-cheque ħareg fuq ismu, meta r-rikorrenti kienet marret mieghu fid-Dipartiment tal-liċenzjar, jirrispondi illi dan ħallsu bil-flus tiegħu u li r-rikorrenti tagħtu l-flus gimgħa wara. Muri l-karti tar-reġistrazzjoni jgħid li mhux qed jgħarafha għaliex il-karti oriġinali kienet ħadithom ir-rikorrenti, hu kien żamm fotokopji, liema fotokopji kien għaddihom lill-Ispettur Ferris.

Mistoqsi jekk r-rikorrenti baqagħliex tħallsu xi flus, jgħid li għad baqala tagħtih elf u mitt Euro (€1,100) għal-liċenzja tar-Range Rover. Rigward ic-cheque tat-tlieta u għoxrin elf, dan kien jinkludi biċċa mir-reġistrazzjoni tal-Audi, t-tieni reġistrazzjoni li kienet għal Range Rover u l-profitt tax-xhud li kien madwar erbat elef Euro (€4,000).

Mistoqsi għaliex ic-cheque ma kienx fuq ismu ġialadarba dan kien sabiex jitħallas lura, jirrispondi li r-rikorrenti tagħtu c-cheque f'idu u li għalih ma kienitx tagħmel differenza jekk kienx fuq ismu jew le.

Jgħid li m'għandux cheques f'idejh, u li jekk kellu jew kien tah lill-avukat jew lill-Ispettur Ferris.

**vii. Stephen Cachia**[16], amministratur fid-Direttorat ghat-Trasport jixhed il-vettura bin-numru fis-sistema 546627, hija Audi A8, bin-numru ta' reġistrazzjoni MPA 206, u hija reġistrata fuq Shorazova. It-tieni vettura bin-numru fis-sistema 569205, hija Range Rover, bin-numru ta' reġistrazzjoni CD 249, u li kienet reġistrata fuq ċerta Janet Kathleen Narudeski.

Ix-xhud ġie muri d-dokumenti CA 11[17] u CA 12[18], minħabba l-fatt li l-ammonti mħallsa ma jaqblux u xehed li ried jara l-file oriġinali. Jinnota wkoll li ma hemmx timbri tal-Awtorita' fuq l-irċevuti CA 11 u CA 12.

Jikkonferma li ż-żewġ reġistrazzjonijiet tħallsu kontanti u jispjega li mis-sena 2011 'l quddiem kellu jmur is-sid jew xi ħadd familjari bilfors biex jagħmel ir-reġistrazzjoni.

F'seduta oħra ppreżenta żewġ dokumenti SC3[19] u SC4[20]. Meta kkomparati ma' CA 11 u CA 12, dawn ma qablux iżda dak li tħallas huwa dak li hemm miktub

[16] Folio 210
[17] Folio 62
[18] Folio 163
[19] Folio 197 Vol 1
[20] Folio 198

fid-dokumenti SC 3 u SC 4. Jikkonferma li ż-żewġ pagamenti saru permezz ta' kontanti.

**viii. John Tonna**[21], inġinier fis-sezzjoni tal-meters tal-Enemalta, xehed li għalkemm ma għandux il-irċevuta tas-smart meter li ġie nstallat għand Sandra Calleja esebixxa ritratti li huwa ġab mis-sistema. Jgħid li l-meter inqala' fit-22 ta' Awwissu 2012. Spjega li biex jinqalaż meter u tpoġġi ieħor hemm bżonn ta' madwar nofs siegha. [22]

**ix. Jonathan Tabone**[23], rappreżentant ta' Virtu Ferries, muri dokument JTZ1[24], jgħid li n-number plate tal-vettura MIB 116 muri fid-dokument suppost maħrug mill-Virtu Ferries li juri dokumentazzjoni ppreżentata lill-Awtorita' tat-Trasport, ma vvjaġġatx magħhom dakinhar, ukoll li l-firma li hemm fuq l-istess dokument skont dan ix-xhud ma hi ta' ħadd mill-istaff tagħhom addett mal-Virtu' Ferries . Oltre jgħid li anke fir-rigward tal-letterhead, l-isem tal-kumpannija mhuwiex korrett.

**x. Elnara Shorazova**, permezz ta' affidavit, tiddikjara illi l-vetturi konċernati fil-bidu kienu qed jinżammu f'garage tar-rikorrenti għax kienu ħbieb. Tiftakar li sabiex tirreġistra l-Audi kienet talbet l-għajnuna ta' Sandra Calleja, u kienet tagħtha l-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) kontanti sabiex tirreġistra l-Audi u hekk għamlet. Calleja kienet imbagħad tagħtha d-dokumentazzjoni kollha, l-vettura kienet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011 u r-rikorrenti ma kienitx involuta f'dan kollu.

[21] Folio 221
[22] Ara Dok JT1 -JT3 folio 225-233
[23] Folio 198
[24] Folio 201

Qisu f'nofs is-sena 2012, tgħid li riediet tirreġistra l-vettura l-oħra li kienet Range Rover u kienet talbet lir-rikorrenti sabiex isellifha tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) kontanti. Fil-fatt ir-rikorrenti kienet ħallset għar-reġistrazzjoni u ġiet mgħarrrfa li kienet għaddiet dan il-ammont ta' flus lil Sandra Calleja biex tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni. Kienet irrifondiet lir-rikorrenti s-somma ndikata permezz ta' cheque datat 28 ta' Awwissu 2012 (fol 223).

**B. Nota ta' sottomissjoni tar-rikorrenti[25]**

Wara riassunt tar-rikors ġuramentat u tal-eċċezzjonijiet, ir-rikorrenti tgħid li hija kreditriċi fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€28,604.22). Illi żewġ cheques kienu ssarfu mill-intimat Adrian Muscat. Ir-rikorrenti tagħmel riassunt tal-varji xhieda li kien hemm f'dawn il-proċeduri.

Dwar id-dokumenti li ġew esebiti, jirriżulta li d-dokumenti uffiċjali ma jikkombaċjux mad-dokumenti li ġew esebiti mill-intimati. Kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta, Transport Malta ma rċevietx l-ammonti li hemm fuq il-irċevuti esebiti minn Muscat. Tqajjam ukoll dubbju dwar Dok SC 2 li ġie esebit minn Sandra Calleja. Dokument li ma ġiex ikkonfermat mir-rappreżentant tal-Enemalta.

Il-pern tal-kwistjoni kollha hija l-kredibilita tax-xhieda u d-dokumentazzjoni li ġiet ippreżentata. Ix-xhieda tar-rikorrenti kienet konsistenti mill-bidu ta' dawn il-proċeduri sal-aħħar meta sar il-kontro-eżami tagħha.

[25] Folio 304

Ir-rikorrenti tissottometti li kien hemm numru ta' kontradizzjonijiet minn naħa tal-intimati.

- L-ewwelnett Muscat isostni fl-eċċezzjonijiet tiegħu illi hu kien ġie inkarigat li jirregistra żewġ karozzi għar-rikorrenti – fatt li ma rriżultax mix-xhieda. Huwa rilevanti wkoll l-fatt li meta r-rikorrenti talbet lil Muscat jirritorna c-cheque tal-għaxart elef Euro (€10,000), li kien mimli ħażin, huwa fatt li hu rritornah mingħajr ma talab għal cheque ieħor li jirrimpjazzjah. Anke dan ixekkel il-kredibilita' tal-intimat.

- Ir-rikorrenti tkompli u tinsisti li l-verżjoni tagħha ġiet konfortata anke bix-xhieda ta' terzi bħal Emanuel Galdes u l-Ispettur Jonathan Ferris.

- Dwar l-intimata Sandra Calleja, tinsisti li anke din ġiet kompletament skreditata. Meta tixhed li hija mliet ic-cheque ta' hamest elef Euro (€5,000) ma tagħti l-ebda raġuni għaliex ġara dan. Ġie ppruvat li l-kalligrafija ta' dan ic-cheque huwa tal-intimata Calleja, imma ma ngħatat l-ebda raġuni valida għaliex ma mteliex mir-rikorrenti.

- Iżda waħda mix-xhieda l-aktar importanti hija dik tar-rappreżentant tad-Dipartiment tat-Trasport. Dan wera li kien hemm falsifikazzjoni tad-dokumenti da parti minn Muscat għaliex l-ispiża tar-reġistrazzjoni kienet ferm anqas minn dak li sostna Adrian Muscat.

- ukoll li trid issir referenza għad-dati tal-cheques. Il-vettura Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011 u għalhekk din ma tistax tinkwadra ruħha f'cheques li nħarġu fis-sena 2012. Minbarra l-fatt li Shorazova tikkonferma li hi kienet għaddiet direttament lir-rikorrenti l-flus sabiex tigi reġistrata l-Audi. Il-vettura Range Rover ġiet reġistrata fit-22 ta' Awwissu 2012, u l-ispiża għar-reġistrazzjoni kienet ta' hdax-il elf disa' mija u erbgħa Euro (€11,904), iżda l-intimat Muscat kien talab għal tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000).

Illi għalhekk ir-rikorrenti hija konvinta li ġew ippreżentati provi neċessarji sabiex l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin centeżimu (€28,604.22) jiġu rifużi lilha bl-imgħax.

**C. Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Sandra Calleja**

L-intimata tissottometti li f'din il-kawża l-Qorti għandha tiddeċiedi liema miż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet, li huma kompletament konfliġġenti, hija l-aktar kredibbli.

Illi wara riassunt tal-fatti li mhumiex ikkontestati, l-intimata tkompli illi sabiex tiġi aċċettata l-verżjoni tar-rikorrenti, wieħed għandu jemmen is-segwenti :

a) Illi r-rikorrenti tiffirma numru ta' cheques qabel ma timlihom u li tiffirma dawn ic-cheques sabiex jissarfu *"to bearer"*;

b) Illi *"jinsteraq"* jew jissarraf cheque ta' eluf, u r-rikorrenti ddum xhur sabiex tintebaħ li ġara hekk;

c) Illi persuna tkun qed iżżomm vetturi ta' terza persuna fil-garage tagħha, tislef flus biex issir l-importazzjoni u r-reġistrazzjoni, iżda ma jkollha x'taqsam xejn ma' tali importazzjoni u/jew reġistrazzjoni;

d) Illi r-rikorrenti xahrejn wara li nsteraq ic-cheque ta' ħamest elef Euro (€5,000) mill-intimata esponenti, u li tat impressjoni li kemm kemm taf lil Calleja, ssiefer magħha f'Ruma f'Awwissu 2012;

e) Illi l-intimat Muscat isarraf żewġ cheques bil-firma tiegħu u bin-numru tal-karta ta' identita tiegħu, liema cheques suppost kienu misruqin u jaħseb li mhux se jinqabad;

f) Li meta tagħmel rapport lill-Pulizija, r-rikorrenti tinsa li ssemmi cheque ieħor ta' ħamest elef Euro (€5,000) u l-flus kontanti ta' tlieta u għoxrin elf Euro (€ 23,000), li allegatament gew misapproprjati minn Calleja;

g) Li meta tibgħat l-ittri interpellatorji, ssemmi biss ic-cheque ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22) mingħajr ma ssemmi c-cheque l-ieħor ta' ħamest elef Euro (€5,000).

Skond l-intimata, huwa fatt li l-firem fuq iż-żewg cheques imsarfa minn Muscat huma firem ġenwini tar-rikorrenti u għalhekk wieħed ma jistax jemmen li persuna li hija direttriċi ta' kumpannija, tiffirma cheques u ma timlihomx mal-ewwel.

Tkompli li hija dejjem ċaħdet katergorikament li qatt irċeviet ammont ta' flus kontanti mingħand ir-rikorrenti. Minbarra dan għalkemm ir-rikorrenti stqarret li dawn ingħataw lil Calleja fit-22 ta' Awwissu 2012, ġie ppruvat mill-istess Calleja li f'dik il-ġurnata hija kienet id-dar għaliex l-Enemalta biddlu l-meter tagħha.

Tissottometti li hi qatt ma kellha x'taqsam mal-importazzjoni u/jew reġistrazzjoni tal-vetturi u li qatt ma rċeviet cheque jew flus kontanti dwar dawn il-vetturi.

Tagħlaq billi tgħid li l-verżjoni tagħha hija aktar verosimili, plawsibbli u veritiera.

**D. Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Adrian Muscat.**

Jgħid li ma jistax jifhem kif spiċċa parti minn din il-kawża stante li huwa qatt ma rċieva flus kontanti u rċieva biss żewġ cheques bħala spejjez għar-reġistrazzjoni ta' żewġ karozzi.

Ikompli li fatt li jxejjen il-verżjoni tar-rikorrenti huwa t-trapass ta' żmien. Illi għalkemm ic-cheque ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22) issarraf fil-25 ta' Settembru 2012, għaddew 5 xhur qabel ma ġie nterpellat b'ittra legali.

Jirreferi u jiċċita mix-xhieda tal-Ispettur Ferris u r-rapport li sar mir-rikorrenti lill-pulizija, u jasal għal numru ta' konklużżjonijiet.

Jissottometti li l-verżjoni li jagħti hu, taqbel ma' dak li tgħid l-intimata l-oħra Calleja, mal-investigazzjoni tal-pulizija u mid-dokumentazzjoni uffiċjali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

**E. Mertu**

Illi permezz ta' din il-kawża, r-rikorrenti qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma debituri tagħha fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€28,604.22) u sabiex jiġu kkundannati jirrifondu dan l-ammont.

L-intimati, t-tnejn jeċċepixxu li m'hemm xejn li għandu jiġi rifuż lir-rikorrenti.

Huwa ċar f'din il-kawża illi hawn żewġ, anzi tlett verżjonijiet konfliġġenti tal-fatti u għalhekk din il-Qorti għandha tara liema waħda minn dawn il-verżjonijiet hija l-iktar waħda kredibbli skond il-provi li saru fit-trattazzjoni

tal-kawża. Kif inhuwa risaput meta jiġri hekk il-Qorti għandha tiddeċiedi fuq il-bilanċ tal-probalitajiet u fil-każ li mhijiex konvinta minn l-ebda verżjoni li ngħatat jiġi applikat il-principju *"actore non probante reus absolvitur"*..

Dwar dan qed issir referenza għal kawża fl-ismijiet **Xuereb et vs Gauci et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-24 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti qalet –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma",** Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawża "**Ciantar vs Curmi noe**" kien preċiżat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l- ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319).”*

Ikkunsidrat:

**F.i**. Illi f’din il-kawża, r-rikorrenti tispjega illi hi kienet ħabiba ma’ ċerta Eleonora Shorazova u li kienet iżżommilha żewġ vetturi fil-garage tagħha, waħda Audi u l-oħra Range Rover, sakemm dawn jiġu reġistrati. Illi kienet taf lill-intimata Sandra Calleja u li meta saret taf li Calleja kellha bżonn xogħol kienet saqsiet lil Shorazova li qaltilha li kellha bżonn lil xi ħadd sabiex jagħmel il-qadi tagħha. Illi għalhekk Calleja ġiet impjegata ma’ Shorazova sabiex tagħmlilha l-qadi li jkun hemm bżonn.

Jidher illi meta waslet sabiex issir ir-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover, Shorazova kienet talbet lir-rikorrenti sabiex tislifha tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) in kontanti u sabiex tgħaddihom lil Calleja biex tkun tista tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni. Jirriżulta li fil-fatt kien l-intimat Adrian Muscat li ħa ħsieb ir-reġistrazzjoni u li kien qal li din għandha ssir permezz ta’ flus kontanti. Allura skond il-verżjoni tar-rikorrenti kienet marret il-Bank fit-22 ta’ Awwissu 2012, kienet ġibdet dan il-flus u kienet għaddiethom lil Calleja fil-karozza, fil-presenza ta’ Emanuel Galdes.

Imbagħad ir-rikorrenti kienet wawslet lil Calleja fis-showroom tal-intimat Muscat u din kienet marret biex tgħaddilu l-flus. Jirriżulta wkoll li fit-28 ta' Awwissu 2012, Shorazova kienet ħallset lura lir-rikorrenti permezz ta' cheque.

Iżda waqt li kien qed jiġri dan kollu, r-rikorrenti tallega illi Calleja kienet ħaditilha c-cheque book mill-basket u li kienu nħargu żewġ cheques oħra favur l-intimat l-ieħor Muscat. Ir-rikorrenti tixhed li kienet prassi għaliha li tiffirma cheques vojta u li mbagħad timlihom skond il-bżonn. Jirriżulta minn fotokopji tac-cheques li fil-fatt inħargu żewġ cheques favur Muscat, wieħed datat 26 ta' Ġunju 2012 għal ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000), li ssarraf fl-istess ġurnata u ieħor datat 5 ta' Settembru 2012, għal ammont ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22) li wkoll issarraf fil-25 ta' Settembru 2012.

Ir-rikorrenti ssostni li hija qatt ma mliet dawn ic-cheques favur l-intimat Muscat, u għalhekk qegħda titlob li tiġi rifuża l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€28,604.22).

**ii**. Minn naħa tagħha l-intimata Sandra Calleja tgħid li hija ħadmet għal Shorazova għal madwar sitt xhur biss u li għalhekk ma kellha xejn x'taqsam mar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Tgħid ukoll li hi ma kienitx taf lill-intimat l-ieħor Adrian Muscat u li saret taf bih meta kellha ssir ir-reġistrazzjoni, minħabba l-fatt li r-raġel tagħha qalilha li Muscat kien jieħu

ħsieb dawn l-affarijiet. Hija tiċħad li r-rikorrenti qatt għadditilha flus kontanti u tiċħad li kellha x'taqsam mar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

**iii**.Minn naħa tiegħu l-intimat Muscat jgħid illi huwa ħa ħsieb tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u li kienet ir-rikorrenti li kienet qabditu u li cheques li kienu f'ismu għal total ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€28,604.22), kienu bħala ħlas għar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

**G**.L-ewwelnett bħala kronologija tal-fatti –

1. Il-vettura Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011, kif jidher minn Dok SC 2. Ix-xhud Shorazova tgħid li r-rikorrenti ma kienitx involuta f'din ir-reġistrazzjoni u li kienet ħadet ħsibha l-intimata Sandra Calleja. Shorazova tixhed li kienet għaddiet lil Calleja sebat elef Euro (€7,000) f'kontanti u li kienet ħadet ħsieb din ir-reġistrazzjoni.

Dan kollu huwa fil-fatt ikkonfermat mid-dokumenti uffiċjali li ġew ipprezentati u li minn hemm jirriżulta li l-Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011 u li l-ammont komplessiv li tħallas kien tmint elef tlett mija tmienja u ghoxrin Euro u tmintax-il ċenteżimi (€8,328.18).

2. Fis-26 ta' Ġunju 2012, l-intimat Muscat sarraf cheque tar-rikorrenti għal ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000).

Hawn hawn l-ewwel inkongruwenza**. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif Muscat gie fil-pussess ta' dan ic-cheque u għaliex.** Li hu żgur ma ingħatax lilu mir-rikorrenti.

3. Fit-22 ta' Awwissu 2012, ir-rikorrenti marret il-Bank u żbankat tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000). Dan fil-fatt jirriżulta minn irċevuta tal-Bank li ġiet eżebita. Dawn il-flus għaddithom lil Calleja, nonostante li din tinnega dan.

4 Fit-23 ta' Awwissu 2012, il-vettura Range Rover ġiet reġistrata, kif jidher mid-dokument uffiċjali Dok SC4[26] u l-ammont komplessiv li tħallas kien tnax-il elf sebgħa mija sebgħa u għoxrin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżimi (€12,727.84);

5 Fit-28 ta' Awwissu 2012, Shorazova ħallset lura lir-rikorrenti permezz ta' cheque għal ammont ta' tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000);

**6 Fil-5 ta' Settembru 2012, l-intimat Muscat sarraf cheque ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22);**

7 Fis-27 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti rċeviet telefonata mill-Bank dwar cheque ieħor li Muscat kien qed jipprova jsarraf u li għalkemm kien miktub bil-kliem *"ghaxar t'elef"* in-numri kienu qed juru għaxar miljuni. Dan ma kienx ġie żbankat u meta r-rikorrenti marret għand Muscat, hu

[26] Folio 198 Vol 1

kien irritorna dan ic-cheque bla għajjat. Mhux l-istess meta talbitu r-ritorn tal-flejjes l-oħra ġia msarrfa b'cheque.

**Hi**. Din il-Qorti ndunat b'numru ta' fatti mhux veritieri, inkonsistenzi u inkongruwenzi fix-xhieda. Fir-rigward ta' Sandra Calleja jirriżulta li hi tixhed li kienet marret mar-rikorrenti għand it-tabib fil-bidu ta' Settembru 2012, u li kien issuġġerielha li tagħmel blood test ukoll u li dan kien sar fis-6 ta' Settembru 2012. Meta mbagħad ssir referenza għal dan il-blood test a fol 112, jirriżulta li dan sar fit-22 ta' Lulju 2012, u mhux f'Settembru. Minbarra dan jirriżulta wkoll li għalkemm huwa minnu li l-meter tad-dawl fir-residenza ta' Calleja kien inbidel fit-22 ta' Awwissu 2012, jirriżulta wkoll mid-dokument eżebit a fol 226, li x-xogħol għal dan dam mid-9.30am sad-9.37am. Għalhekk għalkemm l-intimata Calleja ssostni li dak li qalet ir-rikorrenti li ġara fit-22 ta' Awwissu 2012, fejn kienet għadditilha l-flus, ma setax jiġri għaliex kienet id-dar tistenna lill-ħaddiema tal-Enemalta – dan mhux kompletament korrett għaliex l-intimata Calleja kienet libera li titlaq mid-darha mill-10 ta' filgħodu 'l quddiem.

**ii**. Il-kredibilita ta' verżjoni tal-intimata Calleja hija attakkata wkoll meta Calleja fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li ma kellha xejn x'taqsam mal-ebda reġistrazzjoni, meta x-xhud Shorazova tgħid li kienet proprju Calleja li ħadet ħsieb kemm ir-reġistrazzjoni tal-Audi u kemm ir-reġistrazzjoni tar-Range **Rover.**

**iii**.Iżda l-akbar prova rilevanti f'dawn il-proċeduri huma d-dokumenti li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni tal-vetturi. Minn dokumenti li mhumiex oriġinali (Dok CA 11 u Dok CA 12) imma huma fotokopji, jirriżulta li l-Audi ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011, riċevuta numru 28615, u total għal tali reġistrazzjoni kien fl-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mitt Euro (€13,500) u r-Range Rover ġiet reġistrata fit-28 ta' Awwissu 2012, riċevuta numru 16286, u t-total għal tali reġistrazzjoni kien ta' disgħa u ghoxrin elf disa' mija u ħamsa u sittin Euro (€29,965).

**iv**.Pero', meta l-Qorti rreferiet għad-dokumenti uffiċjali tad-Dipartiment tal-Liċenżjar li huma eżebiti bħala Dok SC 1 u Dok SC 2 jirriżulta li l-Audi vera ġiet reġistrata fil-15 ta' Lulju 2011, riċevuta numru 28615, iżda t-total għal tali reġistrazzjoni kien ta' tmint elef tlett mija tmienja u għoxrin Euro u tmintax-il centeżimi (€8,328.18) **u mhux tlettax-il elf u ħames mitt Euro (€13,500)**. Minn naħa l-oħra r-Range Rover fil-verita' ġiet reġistrata fit-23 ta' Awwissu 2012, u mhux fit-28 ta' Awwissu, r-riċevuta numru huwa 16474 u mhux 16286 u t-total għal tali reġistrazzjoni kien jammonta għal tnax-il elf sebgħa mija sebgħa u għoxrin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżimi (€12,727.84) **u mhux disgħa u għoxrin elf disa' mija u ħamsa u sittin Euro (€29,965).**

Illi għalhekk jirriżulta li hemm diskrepanza kbira bejn l-ammonti li ġew mħallsa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vetturi – hemm diskrepanza ta' ħamest elef mija wieħed u sebgħin Euro u tnejn u tmenin ċenteżimi (€5,171.82) fuq l-Audi u ta' sbatax-il elf u sebgħa u tletin Euro u sittax-il ċenteżimu (€17,037.16) fuq ir-Range Rover.

**v**.Din il-Qorti tinnota wkoll li kontrarjament għal dak li jissottometti l-intimat Muscat fin-nota tiegħu, jgħid li rċieva żewġ cheques għar-reġistrazzjoni ta' żewġ vetturi meta fil-fatt ħa ħsieb biss ir-reġistrazzjoni tar-Range Rover għaliex tal-Audi kienet saret is-sena ta' qabel. Jinsisti li l-verżjoni tieghu hija korroborata mid-dokumenti uffiċjali, fatt dan li żgur mhuwiex hekk għaliex li kieku huwa veru, għar-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover, inkluż il-profitt li seta' jieħu, is-somma kienet tammonta għal madwar sbatax-il elf Euro (€17,000).

**vi**.Illi wara dan kollu li ġie premess, din il-Qorti hija aktar propensa li temmen l-verżjoni tar-rikorrenti. L-unika spjegazzjoni li ngħatat għaliex ir-rikorrenti ħallset l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) għar-reġistrazzjoni hija għaliex l-intimata Calleja qaltilha li dak kien se jkun l-ammont neċessarju. Fil-fatt ir-rikorrenti għadditilha tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) fi flus kontanti u Shorazova ħallsitha lura dan l-ammont permezz ta' cheque. U hawn kellha tieqaf il-kwistjoni kollha.

**vii**.Din il-Qorti temmen kemm lix-xhud Emanuel Glades kemm lil Elena Shorazova, u b'hekk tista tasal għal konklużjoni li dak li qalet ir-rikorrenti huwa aktar kredibbli. Fl-ewwel lok, l-intimata Calleja kienet qed taħdem diġa għal Shorazova fis-sena 2011 u għalhekk huwa probabli li meta kellha tieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-Audi li saret proprju dik is-sena, hija talbet l-għajnuna ta' Adrian Muscat. Dan huwa ż-żmien meta l-intimata saret taf lil Muscat u mhux kif tiddikjara hi li saret tafu biss fis-sena 2012. B'hekk l-intimati kienu jafu lil xulxin u mhux kif ippruvat tallega l-intimata

Calleja li ma kienitx taf lil Muscat. Minbarra dan l-intimat Muscat jixhed li kienet Calleja li laqgħatu mar-rikorrenti u li kien diġa jaf lil Calleja għaliex kien għamilha reġistrazzjoni oħra, li kienet tal-vettura Audi. Fit-tieni lok Emanuel Galdes huwa parti li kien estranju għal kwistjoni kollha u għalhekk ma kien hemm l-ebda benefiċċju għalih li ma jixhidx il-verita u ċioe' li ra flus għaddejjin mir-rikorrenti għall-intimata Calleja. Għalhekk din il-Qorti temmen il-verżjoni tar-rikorrenti li kienet għaddiet it-tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) fi flus kontanti lill-intimata Calleja fil-karozza.

Din il-Qorti nnutat ukoll li fix-xhieda tiegħu mhux l-ewwel darba li Muscat fil-fatt jirreferi għall-intimata Sandra Calleja u wara jgħid li ried isemmi lir-rikorrenti u mhux lil Calleja. Iżda a fol 143 jgħid – " *Le ghax jien qabel ma mort naghmel l-insurance, jien lili tatni s-somma kollha u darba minnhom ħrigt il-flus jiena u tagħthomli wara Sandra, tista tgħidlek hi wkoll.*" Jigifieri ġie kkonfermat li Calleja għadditlu l-flus stess li kienet tatha r-rikorrenti.

**viii.** Fil-fatt ma kien hemm u ma nġabet assolutament l-ebda raġuni għaliex ir-rikorrenti kellha toħroġ żewġ cheques oħra fuq l-intimat Muscat. Lanqas ma huwa spjegat għaliex ic-cheque tal-ħamest elef Euro (€5,000) inkiteb fis-26 ta' Ġunju 2012, u ġie żbankat fis-27 ta' Ġunju 2012. Dak iż-żmien ma saret l-ebda reġistrazzjoni ta' vettura u għalhekk bilfors ikollha tistaqsi din il-Qorti, għalxiex kien sar dan il-ħlas? Ukoll dwar ic-cheque ta' tlieta u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€23,604.22), ir-rikorrenti tghid li dan kien cheque f'isimha, li jirriżulta, u li kien ammont dovut lilha frott ta' investimenti li kienet għamlet. Terġa u

tgħid dan ġie msarraf fil-25 ta' Settembru 2012, meta r-reġistrazzjoni tal-vettura kienet saret xahar qabel, u dan l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) kien diġa għadda lill-intimat Muscat. Jiġifieri l-intimat kien diġa tħallas għar-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover u **ma kien hemm l-ebda ammont ieħor li kien dovut lilu**. Minbarra dan jirriżulta mill-provi illi f'Settembru 2012, Calleja kienet talbet lir-rikorrenti biex tagħtiha lift sas-showroom tal-intimat Muscat. Għalhekk dan huwa l-uniku mod kif Muscat seta jiġi fil-pussess ta' dan ic-cheque li kien fil-basket tar-rikorrenti.

Illi minħabba li ġew imsarrfa mill-intimat Adrian Muscat, din il-Qorti se ssib li hu huwa responsabbli għar-rifużjoni ta' dawn l-ammonti.

Illi fir-rigward tal-intimata Sandra Calleja, din il-Qorti temmen li ma kienitx kredibbli fil-verżjoni li tat u li kontrarjament għal dak li stqarret kienet involuta fil-kwistjoni kollha. Detto ċioe' ma inġabet ebda prova li xi flejjes baqgħu fi ħdan din l-intimata li taf peroż tkun ukoll passibbli kriminalment għal għemilha.

Għaldaqstant din il-Qorti tevalwa li l-verżjoni tar-rikorrenti hija aktar kredibbli u verosimili u b'hekk se tilqa' t-talbiet tagħha.

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi –**

1. **Tiddikjara li l-intimat Adrian Muscat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin centeżimu (€28,604.22); u**

2. **Tikkundanna lill-intimat Adrian Muscat jirrifondi dan l-ammont u jħallas is-somma ta' tmienja u għoxrin elf sitt mija u erbgħa Euro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€28,604.22) lir-rikorrenti bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjeż ta' din il-kawża, flimkien mal-ispejjeż tal-mandat li ġie ppreżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri jkunu a karigu ugwali tal-intimati Adrian Muscat u Sandra Calleja.**

**Onor.Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep. Reġ.**